

Brussell, 4 ta' Diċembru 2024  
(OR. en)

15432/24

COPS 604  
CIVCOM 278  
COEST 614  
COHOM 174  
CFSP/PESC 1578  
CSDP/PSDC 783  
JAI 1626  
CSC 653  
EUMM GEORGIA 13  
PSC DEC 64  
RELEX 1398

#### **ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia) (EUMM Georgia/2/2024)

---

## **DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2024/...**

**ta'...**

### **li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia) (EUMM Georgia/2/2024)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/452/PESK tat-12 ta' Awwissu 2010 dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

---

<sup>1</sup> ĠU L 213, 13.8.2010, p. 43.

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni 2010/452/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia), inkluż id-deċiżjoni li jaħtar Kap tal-Missjoni.
- (2) Fis-26 ta' Frar 2024, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/10322, li taħtar lis-Sa Bettina BOUGHANI bħala Kap tal-Missjoni ta' EUMM Georgia mill-1 ta' April 2024 sal-14 ta' Diċembru 2024.
- (3) Fit-2 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/...3+, li estendiet il-mandat ta' EUMM Georgia sal-14 ta' Diċembru 2026.
- (4) Fit-28 ta' Ottubru 2024, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona li l-mandat tas-Sa Bettina BOUGHANI bħala Kap tal-Missjoni ta' EUMM Georgia jiġi estiż mill-15 ta' Diċembru 2024 sal-14 ta' Diċembru 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2024/1032 tas-26 ta' Marzu 2024 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia) (EUMM GEORGIA/1/2024) (ĠU L, 2024/1032, 2.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1032/oj>).

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/... ta' ... li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia (ĠU L ... .., ...).

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok ikkompleta n-numru ta' referenza għad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST14967/24, u kkompleta n-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti.

### *Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sa Bettina BOUGHANI bħala Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia) huwa b'dan estiż mill-15 ta' Diċembru 2024 sal-14 ta' Diċembru 2025.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, ...

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*  
*Il-President*

---